MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' April, 2012

Appell Civili Numru. 9/2011

**Avviz Numru : 9/2011**

**Hani Ahmed Shhawi**

**vs**

**Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fid-29 ta’ Marzu 2011 il-Bord tal-Appell Dwar l-Immigrazzjoni ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

*“Il-Bord,*

*Il-Bord ra l-appell tal-appellant dwar Ordni ta' Tnehhija tal-15 ta' Gunju 2005 li fih gie dikjarat li l-appellant kien qieghed f'Malta minghajr permess ta' Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni skont l-artikolu 5 ta' l-Att dwar L-Immigrazzjoni (Kap 217);*

*Ra d-dokumenti kollha esebiti mill-partijiet; Sema' lill-partijiet;*

*Ikkunsidra:*

*Fit-termini tal-artikolu 5 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta:-*

*'(1) Kull persuna li tkun wahda li ma jkollhiex id-dritt ta' dhul jew ta' dhul u residenza jew ta' moviment jew transitu taht it-Taqsimiet precedenti, tista' tigi rifjutata milli tidhol, u jekk hija tizbarka jew tkun qieghda f'Malta minghajr il-permess tal-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni, hija tkun immigrant projbit.'*

*(2) Anke jekk tkun nizlet l-art jew tkun f'Malta bil-permess tal-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni jew tkun inghatat permess ghal residenza, persuna tkun, kemm-il darba ma tkunx ezenta taht dan l-Att minn xi wahda minn dawn il-kundizzjonijiet li gejjin jew ikunu japplikaw dwaru regoli specjali taht id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att, immigrant projbit ukoll:-*

*omissis*

*(f) jekk xi cirkostanza li tkun waslet ghall-ghoti tal-permess biex tinzel l-art jew biex tinzel l-art u tibqa' Malta jew ghall-estensjoni ta' dak il-permess jew ghall-ghoti ta' dak il-permess ghal residenza, ma tibqax tezizti; ...' ,*

*Mill-provi rrizulta illi l-appellant gie arrestat fl-14 ta' Gunju 2005 mill-Pulizija tad-Distrett tan-Naxxar. L-appellant intgharaf mill-Pulizija billi kien gewwa vettura ma' persuni ohra liema vettura ma kellhiex il-licenzja mgedda. Sar l-istharrig mill-Pulizija u billi rrizulta li dawn il-persuni kienu Malta bil-permess skadut kienu qeghdin Malta illegalment u ghalhekk harget l-Ordni tat-Tnehhija. L-appellant kien*

*ikkonferma mal-Ispettur Edel Mary Camilleri li hu dahal Malta fis-6 ta' Marzu 2000 bil-vapur, inghatatlu visa pero' qatt ma mar l-Ufficju ta' l-Immigrazzjoni biex jitlob estenzjoni taghha. Qal ukoll li kellu relazzjoni ma' certu Josephine Tonna. L-appellant iddikjara mal-Ispettur Camilleri li xtaq japplika biex jinghata status ta' rifugjat.*

*Irrizulta mid-dok "RB" esebit fit-28 ta' Settembru 2010 li t-talba tieghu biex jinghata status ta' rifugjat giet michuda fil-21 ta' Awwissu 2005 ghar-raguni li ghalkemm hu wasal Malta f'April 1999 kien biss fis-17 ta' Awwissu 2005 cioe` iktar minn sitt snin wara li applika biex jinghata l-istatus ta' rifugjat u billi tali applikazzjoni mhix valida jekk ma ssirx fiz-zmien xaghrejn it-terminu impost mill-ligi l-applikazzjoni giet rnichuda. Id-decizjoni tar-Refugee Commssioner giet ikkonfermata mir-Refugee Appeals Board fl-14 ta' Novembru 2005 (dok "BA" ipprezentat fit-28 ta' Settembru 2010).*

*Fit-13 ta' Lulju 2007 il-Prim Awla' Tal-Qprti Civili fil-Gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha cahdet ir-rikors kostituzzjonali tal-appellant fejn allega nuqqas ta' smigh xieraq quddiem il-Kummissarju tar-Rifugjati u l-Bord tal-Appell Dwar ir-Refugjati skont l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem skont il-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta u li tali agir jivvola d-dritt ghall-protezzjoni minn trattament inuman jew degradanti skont l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*L-appellant ipprezenta affidavit dettaljat fejn ta informazzjoni preciza sija meta u kif gie Malta kif ukoll il-maltrattament u tortura li huwa sofra fil-Libja minhabba l-fatt illi xtaq ibiddel ir-religjon tieghu u minn Musulman isir Kristjan. Fl-affidavit tieghu l-appellant ta dettalji dwar it-tortura li saritlu; il-Bord naturalment jissimpatizza mieghu u jikkundanna minghajr ebda riserva dan it-tip ta' trattament, pero` mhuwiex kompitu ta' dan il-Bord li jinvestiga dawn l-allegazzjonijiet u l-anqas ma jista' jigi traskurat il-fatt illi l-appellant applika biex jinghata l-istatus ta' rifugjat, l-applikazzjoni tieghu giet michuda u*

*kkonfermata minn bord tal-appell tar-Rifugjati kif konfermat mid-dokument "BA"ipprezentat fis-seduta tat-28 ta'Settembru 2010.*

*L-appell jehtieg li jigi ezaminat u kkonsidrat limitatament fil-kuntest tal-prowedimenti tal-Kap 217.*

*Mill-atti u mhix-xhieda mismugha fil-kors ta' dan l-appell ma jirrizultax illi l-appellant b'xi mod ipprova jirregolarizza l-posizzjoni tieghu mal-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni. Ghalhekk m'hemmx dubju illi l-permanenza tieghu f'Malta hi illegali billi mhix awtorizzata mill-awtoritajiet kompetenti.*

*Il-Bord ghalhekk qed jiddisponi minn dan l-appell billi jichdu u jikkonferma l-Ordni tat-Tnehhija tal-15 ta' Gunju 2005 u fic-cirkostanzi partikolari in vista tas-sitwazzjoni prezenti fil-Libja ihalli fid-diskrezzjoni tal-Kummiassarju tal-Pulizija jekk u meta jaghti esekuzzajoni ghall-istess Ordni tat-Tnehhija li qed tigi kkonfermata."*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Hani Ahmed Shhawi datat 8 ta' April 2011 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata bl-ispejjez kontra l-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni appellat.

Rat li din l-appell kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-12 ta' Mejju 2011.

Rat ir-risposta tal-intimat Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni datata 19 ta' April 2011 a fol 10 tal-process fejn sostna ghar-ragunjiet hemm indikati li d-decizjoni tal-Bord tal-Appell Dwar l-Imigrazzjoni hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez konta l-istess rikorrenti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti inkluz dak tal-15 ta' Novembru 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehret Dr. Suzanne Sciberras ghall-appellat u Dr. Franco Galea ghall-appellant. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghas-26 ta' April 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni Bord tal-Appell Dwar l-Imigrazzjoni fl-ismijiet premessi datata 29 ta’ Marzu 2011.

Rat is-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti (Sede Kostituzzjonali) presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Lino Farrugia Sacco datata 13 ta’ Lulju 2007 fl-ismijiet **“Hani Ahmed Shhawi vs l-Onor. Prim Ministru et”**

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-aggravji tal-appellanti huma fis-sens li (a) l-ordni tat-tnehhija tal-15 ta’ Gunju 2005 fil-konfront tal-appellant ma saritx konformament mal-**Kap. 217** u dan ghaliex fil-mument li inharget l-istess ordni ma kien hemm ebda bazi ragonevoli ghaliex kellha tohrog tali ordni u dan kollu konsidrat f’dak li jiddisponi l-**artikolu 14 tal-Kap. 217;** (b) li r-raguni moghtija ghall-hrug ta’ tali ordni li “kont Malta minghajr permess ufficjali mill-Ufficjal Principal tal-Immigrazzjoni” ma kienet sorretta mill-ebda prova da parte tal-istess ufficjal. Jinghad li l-appellant dahal regolarment Malta u allura ma setax jitqies bhala immigrant projbit u allura fil-konfront tieghu lanqas japplikaw id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 5 (1) (f) (g) (h) tal-Kap. 217** u partikolarment dak provdut fl-**artikolu 5 (1) (g)** li jidher li gie applikat mill-Bord; (c) il-Bord ghamel zball fil-ligi meta sostna li ma setax jidhol fil-mertu tal-kaz ghaliex skond l-**artikolu 25 A tal-Kap. 217** il-Bord ghandu jqis appelli minn decizjonijiet specifikati li jinkludu ordnijiet ta’ tnehhija,u dwar dan l-istess appellant irrefera ghall-allegazzjonijiet ta’ tortura li huwa jghid li sofra fil-Libja u dan kellu jigi ezaminat kif deciz fis-sentenza **Viorica Anghelenici vs Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni et”** (P.A. (JRM) – 14 ta’ Ottubru 2010); (d) l-Bord fid-dawl tal-provi migbura ma ghandux il-poter li jordna r-ritorn ta’ l-

appellant lejn il-Libja u saret riferenza ghall-**artikolu 10 (c) tal-Kap. 276.**

Illi dwar l-ewwel aggravju dan huwa nfondat peress li jirrizulta li nstab li l-istess appellant ma kellux izjed permess li joqghod hawn Malta peress li l-visa li kellu meta dahal hawn Malta skadiet, u l-istess appellant ma kienx qatt talab l-estensjoni tal-istess, u allura jsegwi li kien hawn Malta llegalment fit-termini tal-Ligi.

Illi dwar it-tieni aggravju dan huwa bla ebda fondament kwalunkwe ghaliex la darba l-istess Bord sab li l-appellant ma kellux il-permess li jibqa' hawn Malta huwa kkonferma l-ordni tat-Tnehhija li minnu kien sar appell quddiemu mill-appellant odjern. Din hija fil-kompetenza tal-Bord hemm kompost minn Dr. Ramon Rossignaud bhala Chairman, Dr. Lorraine Conti u s-Sur Godwin Cilia ai termini tal-Ligi.

Illi dwar it-tielet aggravju jinghad li l-fattispecie tal-kaz huma differenti minn dak indikat fid-decizjoni citata mill-appellanti, u f'dan il-kaz jidher li dak li kien in kontestazzjoni kien jekk l-appellant kienx hawn Malta fid-data li harget l-Ordni tat-Tnehhija jew le, u instab li skond il-provedimenti tal-**Kap. 217,** l-appellant ma kellux tali dritt li jibqa' hawn Malta ghar-ragunijiet moghtija fid-decizjoni, dejjem fid-dawl ta' dak provdut fl-istess Kap. Jekk l-istess appellant ghandu xi rimedju taht xi Ligi ohra dan ma kienx il-punt li kellu l-Bord quddiemu, u kien fuq il-punti fl-ambitu tal-**Kap. 217** li l-Bord kellu jiddeciedi u fil-fatt iddecieda korrettament – anzi jidher li fl-interess tal-appellant l-istess Bord ha in konsiderazzjoni s-sitwazzjoni attwali u ghamel anke fid-decide r-rakkomandazzjoni ta' kawtela lill-Awtoritajiet kompetenti. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint ghalkemm il-Qorti tirrepeti l-istess rikjam lill-Awtoritajiet kompetenti gja maghmul mill-Bord fid-decizjoni tieghu tad-29 ta' Marzu 2011.

Illi dwar l-ahhar aggravju dan huwa kompletament bla ebda bazi meta jittiedhed fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-**Kap. 217** u tad-decide tad-decizjoni appellata. Jinghad ukoll li l-**Kap. 276 (Att Dwar l-Estradizzjoni)** ma ghandu x'jaqsam xejn mal-**Kap. 217** u l-Bord gustament iddecieda

fuq id-disposizzjonijiet appositi tal-**Kap. 217** kif kellu fuq kollox jiddeciedi. B’hekk dan l-aggravju qed jigi wkoll michud.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ r-risposta tal-appell tal-appellat datata 19 ta’ April 2011 biss in kwantu l-istess hija konformi ma’ dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti fir-rikors tal-appell tieghu datat 8 ta’ April 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi b’dan li din il-Qorti qed tikkonferma d-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appelli Dwar l-Immigrazzjoni fl-ismijiet “Hani Ahmed Shhawi vs Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni” datata 29 ta’ Marzu 2011 ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.**

**Bl-ispejjez tal-appell a karigu tal-appellanti Hani Ahmed Shhawi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------